# M.C.E.S.D.

# PROPOSTI MILL-

# GENERAL WORKERS' UNION

It-Tlieta 6 ta' Marzu 2007

# ***M.C.E.S.D.***

# ***PROPOSTI MILL-GENERAL WORKERS' UNION***

Is-sehem tas-socjeta' civili fil-pajjizi kollha ta' l-UE qed tizdied. Sa mit-twaqqif ta' l-UE, inhass il-bzonn li l-vuci ta' diversi ghaqdiet migbura taht il-kappa ta' socjeta' civili (min ihaddem, haddiema u l-NGOs) tinstema. Kien ghalhekk li fl-1957 twaqqaf il-Kumitat Ekonomiku u Socjali ta' l-UE (EESC). Mhux biss fl-UE izda anke fid-diversi pajjizi membri jezistu strutturi li jaghtu vuci konsultattivi lis-socjeta' civili. Dawn ivarjaw minn pajjiz ghall-iehor u ma hemm xejn mill-UE li jorbot l-istati membri. Dan l-ahhar l-UE qeghda anke fi process biex tghin pajjizi ohra bhall-Indja, pajjizi Arab fil-Mediterran, u anke pajjizi fl-Amerika t'isfel u l-Karibew biex dawn ukoll ikollhom il-kumitati ekonomici u socjali taghhom.

F'Malta ukoll sar tentattiv biex is-socjeta' civili jkollha vuci u matul iz-zmien saru tentattivi biex jinbidlu s-sistemi. Matul iz-zmien kien hemm hafna kritika kemm lejn l-MCESD kif ukoll minn go l-istess MCESD. Kritika bhal:

- MCESD m'ghandux sahha
- MCESD talking shop
- MCESD m'ghandux finanzi
- MCESD qatt ma ssib qbil
- Il-Gvern juza l-MCESD
- Raprezentanza mhux ekwa
- NGOs mhux parti ufficjali
- Il-membri tal-Gvern jattendu ghal xejn
- Il-Ministri jigu ghal-laqghat biex ihabbru l-mizuri u mhux biex jikkonsultaw

Ebda bidla fil-mod kif johorgu l-opinjonijiet jew billi jizdiedu xi membru jew tnejn mhu ser ibiddel il-kuncett u l-mod kif nahsbu fil-prezent. Li ghandna bzonn hu bidla totali fil-mod kif inharsu lejn x'sehem ghandu jkollha s-socjeta' civili fil-pajjiz. Il-GWU temmen bis-shih fid-djalogu socjali u temmen ukoll li s-socjeta' civili ghandha rwol konsultattiv importanti fil-pajjiz. Fl-istess nifs temmen li l-Gvern ghandu d-dritt li jmexxi l-politika tieghu minghajr indhil.

Kunsill minghajr l-involviment dirett tal-membri tal-Gvern jaghti vuci akbar u aktar liberta' lill-membri tas-socjeta' civili. Mill-banda l-ohra ghaqdiet nazzjonali li jirraprezentaw spettru wiesa ta' idejat u twemmin, flimkien mal-haddiema u min ihaddem, jistghu jaghtu l-imbuttatura mehtiega biex l-idejat u l-pariri prodotti jkunu aktar bilancjati u b'kunsens wiesa.

Permezz tal-Kunsill, il-Gvern

- Jista' jiehu idejat differenti mill-hsibijiet tieghu
- Jista' jara x'livell ta' kunsens hawn fil-pajjiz
- Jista' jipprezenta l-pozizzjoni tieghu b'mod aktar strutturat lir-rapprezentanti ta' diversi Ghaqdiet li finalment ser jaghtu r-reazzjoni taghhom ghal dak propost mill-Gvern

Mhux fl-interess tal-Gvern li jinfluwenza opinjonijiet li jkunu diretti lejh. Il-Gvern ghandu jaghti l-assistenza tieghu biex ikollu vizjoni ohra ta' dak li jemmen fih. Opinjonijiet favur dak li jixtieq il-Gvern jaghtuh aktar sahha biex jattwa dak pjanat. Mill-banda l-ohra opinjonijiet kuntrarju ghal dak mahsub mill-Gvern jistghu jifthu ghajnejn l-istess Gvern li minn naha tieghu jkun ghadu bic-cans li jemenda qabel jillegizla.

L-opinjonijiet prodotti bl-ebda mod ma ghandhom jorbtu l-ghaqdiet involuti u ma jzomm xejn milli Ghaqda partikulari milli tkompli timmilita' kemm favur kif ukoll kontra suggett partikulari.

Mill-banda l-ohra kunsens fil-Kunsill jaghti aktar serhan il-mohh lill-Gvern u aktar sodisfazzjoni lill-Ghaqdiet partecipi.

L-ghan principali ghandu jkun dak li jintlahaq l-akbar kunsens possibbli fost l-Ghaqdiet civili. Negozjar f'kumitati zghar li jippreparaw l-opinjonijiet jista' jghin hafna biex iwassal il-partijiet lejn xulxin. Nuqqas ta' qbil m'ghandux jaqta' qalb il-Kunsill. Il-pozizzjonijiet tad-diversi Ghaqdiet jistghu johorgu cari. M'ghandniex ghalfejn niddejqu nohorgu nformazzjoni dwar il-mod kif jahsbuha l-membri tal-Kunsill. M'ghandniex ghalfejn niddejqu nuru l-istampa lokali ta' dak li nemmnu fih.

Fil-preparazzjoni ta' l-opinjonijiet, id-diversi agenzijji u dipartimenti tal-Gvern ghandhom jaghtu l-assistenza u nformazzjoni kollha necessarja biex l-istess opinjonijiet ikunu aktar reali u studjati sew.

L-opinjonijiet prodotti jistghu jintuzaw minn hafna fosthom il-Gvern, Politici, l-Ghaqdiet membri tal-kunsill u ohrajn li m'humiex, Studenti ta' l-universita', Ricerkaturi, Ekonomisti ecc. jew ahjar dawk kollha li jkun jinteressahom is-suggett diskuss.

## GHANIJIET

Il-Kunsill ghandu:-

- Jipprepara opinjonijiet mitluba mill-Gvern, Parlament jew Kumitati tal-Kamra
- Jiehu inizjattivi personali dwar suggetti varji (own initiatives)
- Jesplora suggetti varji ta' interess Nazzjonali kif ukoll Ewropej
- Jitkellem dwar suggetti partikulari li jkunu qed jigu diskussi f'pajjizna

Il-kumitat ghandu jirrispondi, f'isem is-socjeta’ civili, billi jaghti l-opinjoni tieghu fuq diversi suggetti.

Meta z-zmien ma jkunx jippermetti l-kumitat ghandu jiddiskuti rizoluzzjonijiet urgenti u jippubblikhom.

Il-kumitat ikollu rwol konsultattiv u ebda decizjoni, opinjoni jew rizoluzzjoni ma torbot lil Gvern jew xi partijiet li jaghmlu parti mill-Kumitat.

L-ghan ewlieni tal-Kunsill ghandu jkun dak li jsir l-akbar konsensus possibbli bejn il-membri. Fil-preparazzjoni ta’ l-opinjonijiet ghandu jsir dak kollu possibbli ghall-kunsens.

## MIN GHANDU JKUN PARTI

**Grupp 1 - Min ihaddem**

- FEDERATION OF INDUSTRIES
- MALTA EMPLOYERS ASSOCIATION
- GENERAL RETAILERS AND TRADERS UNION
- MALTA HOTELS AND RESTAURANTS ASSOCIATION
- CHAMBER OF COMMERCE
- GOZO CHAMBER OF COMMERCE
- 1 elett minn Organizazzjoni ohra mhux imsemmija hawn fuq

**Grupp 2 - Haddiema**

- 3 GENERAL WORKERS’ UNION
- 3 CONFEDERATION OF MALTESE TRADE UNIONS/UNION HADDIEMA MAGHQUDIN
- FORUM

**Grupp 3 - Socjeta' Civili**

- NISA U GENDER EQUALITY
- ZGHAZAGH
- PENSJONANTI

- PERSUNI B'DIZABILITA'
- KONSUMATURI
- SOCJALI/AMBJENT
- PROFESSJONALI

**Kompozizzjoni**

- 7 persuni proposti mill-Ghaqdiet rispettivi approvati mill-Prim Ministru
- Chairman mahtur minn fost il-21 membru
- Iservi ghal sentejn b'rotazzjoni bejn il-gruppi

**Osservaturi u esperti**

Dawn ghandhom jattendu ghal-laqghat tal-Kumitat skond kif jiddeciedi l-istess Kumitat.

- Membri tal-EESC
- Forum Malta fl-Ewropa
- Direttur tax-Xoghol
- NSO
- Bank Centrali
- Ministeri
- ETC
- Malta Enterprise

# TMEXXIJA

- Il-Kunsill ghandu jitmexxa minn Chairperson elett minn fost il-membri tal-Kunsill.
- Dan ghandu jinhatar ghal perjodu ta' sentejn.
- Il-hatriet isiru b'rotazzjoni bejn il-gruppi (1-2-3), dejjem f'din l-ordni.
- Ghandhom jinhatru wkoll zewg vici Chairpersons (wiehed kull wiehed mill-gruppi li ma jkollhomx il-presidenza).
- Ic-Chairperson jirraprezenta l-Kunsill fil-hidma tieghu sakemm hu ma jassenjax din r-responsabilta' temporarjament li xi wiehed mill-vicijiet
- Ghandu jinhatar Segretarju Generali li jkollu responsabilta' li jmexxi x-xoghol tal-Kunsill, b'kuntratt definit skond kif deciz mill-kunsill.
- Ic-chairperson, zewg vici u s-segretarju generali ghandhom jiffurmaw Bord Amministrattiv li jiehu hsieb l-Amministrar tal-Kunsill.

Il-finanzjament ghandu jigi minn naha tal-Gvern permezz ta' budget annwali.

# PROCEDURA

- L-MCESD ghandu jiltaqa’ mill-inqas darba kull xahar (laqgha plenarja),
- Ghandu jiddeciedi liema pariri ghandhom jinghataw precedenza,
- Jahtar kumitati ta' studju biex jipproducu l-opinjonijiet,
- Dawn il-kumitati ghandhom jinhatru minn fost il-membri tal-kunsill b'mod ugwali bejn it-3 gruppi,
- Il-kumitati jistghu jahtru wkoll espert/i biex jghin/u,
- Il-kumitati ghandhom jiltaqghu skond il-bzonn sakemm titlesta l-opinjoni,
- L-opinjoni finali ghandha tintbaghat lill-membri kollha tal-kunsill gimgha qabel il-laqgha plenarja tal-kunsill,
- Il-membri jkollhom id-dritt iressqu emendi,
- L-opinjonijiet ghandhom jitressqu quddiem il-plenarja mill-kumitat ta' studju + esperti,
- Jigu diskussi l-emendi,
- Ic-Chairperson ghandu jirregistra l-opinjoni ta’ kull organizazzjoni u dawn ghandhom ikunu mehmuza ma’ l-opinjonijiet mitluba,
- L-opinjonijiet kollha ghandhom jintbaghtu lura lil min talabhom u jsiru pubblici,
- Opinjonijiet personali jew esploratorji ghandhom jintbaghtu lil dawk kollha li jkollhom interess u jsiru pubblici
- Il-kumitat jista’ jistieden Ministri jew ufficjali ohra ghal-laqghat plenarji kemm qabel ma tibda tigi diskussa opinjoni, kif ukoll waqt id-diskussjoni dwar l-opinjoni nnifisha.

**Staff**

Il-Kumitat ghandu jkollu numru ta’ mpjegati skond il-htiega ta’ l-istess Kumitat.